Nru./No. 18,561
Prezz/Price
€4.10

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 9 ta' Marzu, 2010
Tuesday, 9th March, 2010

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 2069 - 2082
Government Notices ..... *2069 - 2082*

Avviżi tal-Pulizija ..... 2082 - 2083
Police Notices ..... *2082 - 2083*

Avviż lil-Baħħara 2083
Notice to Mariners *2083*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 2084 - 2091
Employment Opportunities ..... *2084 - 2091*

Avviżi tal-Gvern ..... 2092 - 2096
Notices ..... *2092 - 2096*

Offerti ..... 2097 - 2143
Tenders ..... *2097 - 2143*

Avviżi tal-Qorti ..... 2143 - 2152
Court Notices ..... *2143 - 2152*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 236

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 47 imsejjaħ Att tal-2010 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru.

Id-9 ta' Marzu, 2010

Nru. 237

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,559 u 18,560 tat-2 u l-5 ta' Marzu 2010 rispettivament.

A.L. Nru. 97 tal-2010: Ordinanza dwar id-Drittijiet (Kap. 35); Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet (Radjukomunikazzjoni) (Emenda Nru. 2).

A.L. Nru. 98 tal-2010: Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Kap. 49); Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni) (Emenda Nru. 2).

A.L. Nru. 99 tal-2010: Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499); Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Pilotaġġ Marittimu.

A.L. Nru. 100 tal-2010: Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499); Att dwar il-Portijiet u l-Bastimenti (Kap. 352); Regolamenti tal-2010 dwar is-Servizzi ta' Rmiġġ.

A.L. Nru. 101 tal-2010: Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija (Kap. 321); Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Applikazzjoni għall-Ħruġ ta' *Warrant*.

A.L. Nru. 102 tal-2010: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Istatut tal-2010 għat-Tħassir tal-Istatuti ta' Istituti u Ċentri Varji.

GOVERNMENT NOTICES

No. 236

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 47 entitled the Aircraft Registration Act, 2010.

9th March, 2010

No. 237

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,559 and 18,560 of the 2nd and the 5th March, 2010, respectively.

L.N. No. 97 of 2010: Fees Ordinance (Cap. 35); Fees (Radiocommunications) (Amendment) (No. 2) Regulations, 2010.

L.N. No. 98 of 2010: Radiocommunications Act (Cap. 49); General Authorisations (Radiocommunications Apparatus) (Amendment) (No. 2) Regulations, 2010.

L.N. No. 99 of 2010: Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499); Maritime Pilotage (Amendment) Regulations, 2010.

L.N. No. 100 of 2010:Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499); Ports and Shipping Act (Cap. 352); Mooring Services Regulations, 2010.

L.N. No. 101 of 2010: Engineering Profession Act (Cap. 321); Application for the Issue of a Warrant (Amendment) Regulations, 2010.

L.N. No. 102 of 2010: Education Act (Cap. 327); Statute for the Repeal of Various Statutes of Institutes and Centres, 2010.

A.L. Nru. 103 tal-2010: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Statut għaċ-Ċentru għad-Dokumentazzjoni u r-Riċerka Ewropea.

L.N. No. 103 of 2010: Education Act (Cap. 327); Statute for the European Documentation and Research Centre.

A.L. Nru. 104 tal-2010: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Statut għall-Università ta' Malta - *Gozo Campus*.

L.N. No. 104 of 2010: Education Act (Cap. 327); Statute for the University of Malta - Gozo Campus.

A.L. Nru. 105 tal-2010: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Statut għall-Istitut tal-Lingwistika.

L.N. No. 105 of 2010: Education Act (Cap. 327); Statute for the Institute of Linguistics.

A.L. Nru. 106 tal-2010: Att dwar il-Periti (Kap. 390); Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-*Warrant* tal-Arkitetti u Inġinieri Ċivili (Periti).

L.N. No. 106 of 2010: Periti Act (Cap. 390); Architects and Civil Engineering Professionals Warrant (Amendment) Regulations, 2010.

A.L. Nru. 107 tal-2010: Att dwar l-Intrapriża ta' Malta (Kap. 463); Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Inċentivi għas-Sostenn tal-Intrapriża.

L.N. No. 107 of 2010: Malta Enterprise Act (Cap. 463); Enterprise Support Incentives Regulations (Amendment) Regulations, 2010.

A.L. Nru. 108 tal-2010: Att dwar Kuntratti fuq l-Għatba tal-Bieb (Kap. 317); Regolamenti tal-2010 li jirrevokaw ir-Regolamenti dwar Liċenzi għal Bejjiegħa fuq l-Għatba tal-Bieb.

L.N. No. 108 of 2010: Doorstep Contracts Act (Cap. 317); Doorstep Contracts Salesmen (Licences) (Revocation) Regulations, 2010.

A.L. Nru. 109 tal-2010: Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371); Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema ta' Kumpens lid-Depożitant.

L.N. No. 109 of 2010: Banking Act (Cap. 371); Depositor Compensation Scheme (Amendment) Regulations, 2010.

A.L. Nru. 110 tal-2010: Att dwar il-Metroloġija (Kap. 454); Regolamenti tal-2010 dwar l-Att dwar il-Metroloġija (Emenda tal-Ewwel Skeda).

L.N. No. 110 of 2010: Metrology Act (Cap. 454); Metrology Act (Amendment of First Schedule) Regulations, 2010.

A.L. Nru. 111 tal-2010: *Accountancy Profession Act (Cap. 281); Accountancy Profession (Amendment) Regulations, 2010.*

L.N. No. 111 of 2010: Accountancy Profession Act (Cap. 281); Accountancy Profession (Amendment) Regulations, 2010.

A.L. Nru. 112 tal-2010: Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy* (Kap. 281); Regolamenti tal-2010 dwar il-Professjoni tal-*Accountancy* (Provvista ta' Servizzi tal-*Accountancy* fuq Bażi Temporanja u Okkażjonali).

L.N. No. 112 of 2010: Accountancy Profession Act (Cap. 281); Accountancy Profession (Provision of Accountancy Services on a Temporary and Occasional Basis) Regulations, 2010.

A.L. Nru. 113 tal-2010: Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi (Kap. 117); Regolamenti tal-2010 dwar is-Servizzi Konsultattivi għall-Irziezet.

L.N. No. 113 of 2010: Supplies and Services Act (Cap. 117); Farm Advisory Services Regulations, 2010.

A.L. Nru. 114 tal-2010: Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363); Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet tal-Gvern Lokali.

L.N. No. 114 of 2010: Local Councils Act (Cap. 363); Local Councils (Association) (Amendment) Regulations, 2010.

A.L. Nru. 115 tal-2010: Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija (Kap. 321); Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Assigurazzjoni għal Indennizz.

L.N. No. 115 of 2010: Engineering Profession Act (Cap. 321) Indemnity Insurance (Amendment) Regulations, 2010.

Id-9 ta' Marzu, 2010

9th March, 2010

Nru. 238

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA, KAP. 372

It-Tieni Bord ta' Kummissarji Speċjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34 tal-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-President ta' Malta ħatar lill-persuni msemmija aktar 'l isfel bħala Kummissarji Speċjali għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2010:-

Dott. John A. Consiglio, Ph.D, M.Phil, MBA, FCIB, Dip.FS, Dip. Law & Admin, Dip. Bus Law & Accty, CSA bħala *Chairman* u lis-Sinjuri Francis Bonello FMIT u Carmel R. Callus ACIS, CSA bħala Membri tat-Tieni Bord ta' Kummissarji Speċjali kostitwit skont l-Att imsemmi.

Id-9 ta' Marzu, 2010

No. 238

INCOME TAX MANAGEMENT ACT, CAP. 372

Second Board of Special Commissioners

IN exercise of the powers conferred by article 34 of the Income Tax Management Act, 1994, the President of Malta has appointed the following persons as Special Commissioners for the period from 1st January 2010 to 31st December 2010: -

Dr John A. Consiglio, Ph.D, M.Phil, MBA, FCIB, Dip. FS, Dip. Law & Admin, Dip. Bus Law & Accty, CSA to be Chairman and Messrs Francis Bonello FMIT and Carmel R. Callus ACIS, CSA to be Members of the Second Board of Special Commissioners constituted under the said Act.

9th March, 2010

Nru. 239

ATT TAL-1992 DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (ARTIKOLU 46)

Proprjetà Skedata – Emenda fil-Livell ta' Protezzjoni

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 313 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 16,202 fis-17 ta' April 1998, taħt it-titlu "Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Artikolu 46, Skedar ta' Propjetà", il-pjanta f'paġna 2072 u n-Notifikazzjoni li jirreferu għall-proprjetà:-

8. Proprjetà mingħajr numru, fi Triq it-Telgħa, Qala ddikjarata bħala ta' Grad 2 skont it-termini tal-*Policy UCO 7* tal-Pjan ta' Struttura.

għandhom jinbidlu kif muri hawn taħt wara li nhar il-15 ta' Frar 2010 il-Prim Ministru approva li tiġi emendata wara li l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar iddeċieda li l-protezzjoni fuq il-proprjetà għandha titniżżel minn Grad 2 għal Grad 3, kif muri taħt:-

Proprjetà mingħajr numru, fi Triq it-Telgħa, il-Qala ddikjarata bħala ta' Grad 3 skont it-termini tal-*Policy UCO 7* tal-Pjan ta' Struttura.

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 tal-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda Proprjetà Skedata.

L-1 ta' Marzu, 2010

No. 239

DEVELOPMENT PLANNING ACT, 1992 (SECTION 46)

Scheduled Property – Re-Grading

WITH reference to Government Notice No. 313 published in the Government Gazette Number 16,202 on 17th April, 1998 entitled "Development Planning Act, Article 46, Scheduling of Property", the map on page 2072 and Notice referring to the property mentioned below, namely:


8. Unnumbered property, Triq it-Telgħa, Qala, designated as Grade 2 in terms of Structure Plan Policy UCO 7

shall be superseded by the following, when on the 15th February 2010, the Prime Minister approved the amendment after the Planning Appeals Board decided that the protection on the property should be downgraded from Grade 2 to Grade 3, as shown below:-

Unnumbered property, Triq it-Telgħa, Qala, designated as Grade 3 in terms of Structure Plan Policy UCO 7.

The Malta Environment and Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Development Planning Act as regards Scheduled Property.

1st March, 2010


St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MEPA
Malta Environment
& Planning Authority
(c) Copyright Planning Authority
Bounding Co-Ords of Map :-
Min E37910, N88480
Max E38096, N88647
Title :-
Regradinging of Property
Triq it-Telgha
Qala
Ref No. :-
Key :-
Grade 3 Property
Form No. :- MU004
TRIQ IT-TELGHA
TRIQ IL-MITRMA
TRIQ IN-NADUR
N
0
0.03
0.06
km

Nru. 240

ATT TAL-1992 DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP

(ARTIKOLU 46)

Skedar ta' Proprjetà

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'din tiddikjara l-proprjetà li ġejja (ara l-pjanti fil-paġni msemmija hawn taħt) bħala inklużi fil-Lista ta' Proprjetà Skedata, skont l-artikolu 46 tal-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, kif ġej:

a) Il-Ġnien tal-Kmand u strutturi anċillari fi Triq Hannibal, Ħ'Attard bħala ta' Grad 1 skont il-*Policy UCO 7* tal-Pjan ta' Struttura kif muri fil-pjanta 1/3 f'paġna 2074.

b) Il-Ġnien tal-Kmand u strutturi anċillari fi Triq in-Naxxar, Ħal Balzan bħala ta' Grad 1 skont il-*Policy UCO 7* tal-Pjan ta' Struttura kif muri fil-pjanta 2/3 f'paġna 2075.

ċ) Il-Ġnien tal-Kmand u strutturi anċillari fi Triq il-Kbira, il-Mosta bħala ta' Grad 1 skont il-*Policy UCO 7* tal-Pjan ta' Struttura kif muri fil-pjanta 3/3 f'paġna 2076.

L-Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 tal-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

It-2 ta' Marzu, 2010

No. 240

DEVELOPMENT PLANNING ACT, 1992

(SECTION 46)

Scheduling of Property

THE Malta Environment and Planning Authority is hereby declaring the following property (see site plans on the undermentioned pages) as included in the list of Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act, 1992, as follows:


a) Il-Ġnien tal-Kmand and ancillary structures in Triq Hannibal, Attard as a Grade 1 property in terms of Structure Plan Policy UCO 7 as shown in site plan 1/3 on page 2074.


b) Il-Ġnien tal-Kmand and ancillary structures in Triq in-Naxxar, Balzan as a Grade 1 property in terms of Structure Plan Policy UCO 7 as shown in site plan 2/3on page 2075.

c) Il-Ġnien tal-Kmand and ancillary structures in Triq il-Kbira, Mosta as a Grade 1 property in terms of Structure Plan Policy UCO 7 as shown in site plan 3/3 on page 2076.

The Malta Environment and Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Development Planning Act as regards Scheduled Property.

2nd March, 2010


St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MEPA
Malta Environment
& Planning Authority
(c) Copyright Planning Authority
Bounding Co-Ords of Map :-
Min E49949, N71836
Max E50413, N72273
Title :-
Scheduling of
Il-Ġonna tal-Kmand
Ref No. :- GF 013/08
Legend: -
Map No. :- 1/3
Il-Ġnien tal-Kmand,
Triq Hannibal, Attard
Grade 1
Form No. :- MU004
Tia' Ċawla
TRIQ HANNIBAL
0
0.1
0.2
km
N


St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MEPA
Malta Environment
& Planning Authority
(c) Copyright Planning Authority
Bounding Co-Ords of Map :-
Min E50825, N73081
Max E51011, N73248
Title :-
Scheduling of
Il-Ġonna tal-Kmand
Ref No. :- GF 013/08
Legend: -
Map No. :- 2/3
Il-Ġnien tal-Kmand,
Triq in-Naxxar, Balzan
Grade 1
Form No. :- MU004
TA' MITĦNA
TA' MITĦNA
N
0
0.03
0.06
km



St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295

MEPA

Malta Environment & Planning Authority

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords of Map :-

Min E47413, N73756
Max E47876, N74173

Title :-

Scheduling of Il-Ġonna tal-Kmand

Ref No. :- GF 013/08

Legend: -

Map No. :- 3/3

Il-Ġnien tal-Kmand, Triq il-Kbira, Mosta Grade 1

Form No. :- MU004

Nru. 241


ISMIJIET TA' TOROQ F'MALTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern ordna li t-toroq speċifikati fl-ewwel kolonna ta' din l-iskeda għandhom jiġu msemmija mill-ġdid kif speċifikat fit-tieni kolonna jew kif indikat fuq il-mappa riprodotta tal-istess skeda msemmija.

No. 241

NAMING OF STREETS IN MALTA


IN exercise of the powers conferred by Section 22 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Minister for Justice and Home Affairs has directed that the streets specified in the first column of the subjoined schedule be renamed as specified in the second column or as indicated on the reproduced map of the schedule.

BIRKIRKARA **Isem ta' Ġnien** Iż-żewġ spazji fi Triq il-Ferrovija l-Qadima u Pjazza San Alwiġi mmarkati bin-numru 1 u 2 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemmew: ĠNIEN L-AHWA KAN. DUN ĠUŻEPP U DUN ĠWANN MICALLEF	
BIRŻEBBUĠA **Tismija ta' Sqaq** Sqaq fi Triq il-Port Hieles immarkat bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemma: SQAQ TA' FAQQANIJA	

IL-FGURA

Triq ġdida fi Triq Madre Tereża ta' Kalkutta mmarkata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:


TRIQ
CHARLES CLEWS
ATTUR KOMIKU
1919 - 2009



IL-MELLIEĦA

Triq ġdida fi Triq l-Imġiebaħ immarkata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:


TRIQ
IL-FIDWA TAL-ILSIERA



IL-MELLIEĦA

Triq ġdida fi Triq il-Biegħa mmarkata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:


TRIQ
IX-XAGĦRA L-ĦAMRA



IL-MELLIEĦA

Triq ġdida fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa mmarkata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:


TRIQ
IL-HAWLIJA



IL-MELLIEĦA

Triq ġdida fi Triq it-Tunnaġġ immarkata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:


TRIQ
IL-PADRUN



IL-MELLIEĦA

Triq ġdida fi Triq il-Mitħna l-Ġdida mmarkata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
MONS. ĠUŻEPPI SCHEMBRI
1933 - 1994




PEMBROKE

Isem ta' Ġnien

L-ispazju pubbliku li hemm bejn Triq ANZAC, Triq F.X. Caruana u Triq Giorgio Mitrovich immarkat bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemma:

ĠNIEN
CLIFFORD MICALLEF
ĊIKLISTA
1964 - 2009




HAŻ-ŻABBAR

Isem ta' Playing Field

Il-*Playing Field* li hemm fi Triq il-Ward fil-*Housing Estate* ta' Haż-Żabbar immarkata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

PLAYING FIELD
TAMARA PSAILA
ATTIVISTA ĊIVIKA
1984 - 2009



Nru. 242

AWTORITÀ MALTIJA DWAR l-I*STANDARDS*

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 555 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,456 tas-17 ta' Lulju 2009, is-Sur Patrick Cutajar inħatar biex jirrappreżenta l-General Retailers and Traders Union fuq il-Kunsill tal-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* mid-19 ta' Frar 2010 minflok is-Sur Piju J. Camilleri.

Id-9 ta' Marzu, 2010

No. 242

MALTA STANDARDS AUTHORITY

WITH reference to Government Notice No. 555 published in the Government Gazette No. 18,456 of 17th July 2009, Mr Patrick Cutajar has been appointed to represent the General Retailers and Traders Union on the Council of the Malta Standards Authority as from 19th February 2010 instead of Mr Piju J. Camilleri.

9th March, 2010

Nru. 243

ATT TAL-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidat elett bħala Kunsillier fl-elezzjoni każwali li saret nhar it-Tnejn, it-8 ta' Marzu, 2010 għall-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ biex jimtela l-post li tbattal minn Dott. Peter Micallef huwa dak li ismu jidher hawn taħt:–

SAID PHILIP

SALV. GAUCI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Id-9 ta' Marzu, 2010

No. 243

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

THE Electoral Commission notifies that the candidate elected as Councillor in the casual election held on Monday, 8th March, 2010 for the Local Council of Ħaż-Żebbuġ to fill the post vacated by Dr Peter Micallef is that whose name is shown hereunder:–

SAID PHILIP

SALV. GAUCI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Il-Belt Valletta.

9th March, 2010

Nru. 244

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:-

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
424	171, Triq it-Torri, Sliema	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	25/02/2010

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur tal-Artijiet

Id-9 ta' Marzu, 2010

No. 244

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:-

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
424	171, Triq it-Torri, Sliema	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	25/02/2010

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

9th March, 2010

Nru. 245

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
09. 03. 10	€27.117	€0.434

Id-9 ta' Marzu, 2010

No. 245

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

9th March, 2010

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 20

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-triq imsemmija hawn taħt se tkun meqjusa bħala Żona ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-triq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Furjana

Minn nhar il-Ħamis, il-11 ta' Marzu 2010 sas-Sibt, l-24 ta' April 2010 mill-5.00 a.m. 'il quddiem minn Triq San Publju.

Vetturi li jinstabu jiksru dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Id-9 ta' Marzu, 2010

Birkirkara

Nhar is-Sibt, is-27 ta' Marzu 2010, mis-2.00 p.m. 'il quddiem, mit-toroq li ġejjin: il-Wied, Fleur-de-Lys, Santu Rokku, tal-Ħerba, Mike Pulis, Pjazza Sant' Elena, il-Kbira, Rigu, l-Isqof Labini, Anġlu Mallia u n-Naxxar.

POLICE NOTICE

No. 20

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the street mentioned hereunder is to be classified as Tow Zone as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the street mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Floriana

From Thursday, 11th March 2010 to Saturday, 24th April 2010 from 5.00 a.m. onwards through Triq San Publju.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

9th March, 2010

Birkirkara

On Saturday, 27th March, 2010, from 2.00 p.m. onwards, through the following streets: il-Wied, Fleur-de-Lys, Santu Rokku, tal-Ħerba, Mike Pulis, Pjazza Sant' Elena, il-Kbira, Rigu, l-Isqof Labini, Anġlu Mallia and Naxxar.

Vetturi li jinstabu jiksru dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Id-9 ta' Marzu, 2010

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 21

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Marsaxlokk

Nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Marzu, 2010, mill-4.00 p.m. 'il quddiem minn Xatt is-Sajjieda.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Marzu, 2010, mit-8.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Ġużepp, il-Kajjik, Duncan u Xatt is-Sajjieda.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Id-9 ta' Marzu, 2010

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 9 tal-2010

Korrezzjoni ta' Chart

B'riferenza għall-BA Chart 2538 – Malta (Xlokk), id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li l-*Cardinal Light Buoy* tal-Lvant fis-sikka tal-barra tal-Munxar TRESSAQ għall-pożizzjoni:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35º 50'.982	14º 35'.940

Il-baħħara huma avżati biex jieħdu ħsieb dan u jgħaddu mill-inħawi b'attenzjoni u bil-mod.

Chart affettwata: BA Chart 2538, 194.

Id-9 ta' Marzu, 2010

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

9th March, 2010

POLICE NOTICE

No. 21

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Marsaxlokk

On Friday, 26th March, 2010, from 4.00 p.m. onwards, through Xatt is-Sajjieda.

On Sunday, 28th March, 2010, from 8.00 a.m. onwards, through the following streets: San Ġużepp, il-Kajjik, Duncan and Xatt is-Sajjieda.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

9th March, 2010

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 9 of 2010

Chart Correction

With reference to BA Chart 2538 – Malta (South East), the Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the East Cardinal Light Buoy at Outer Munxar reef has been MOVED to position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35º 50'.982	14º 35'.940

Mariners are advised to note the above and proceed with caution and slow speed when navigating in the area.

Chart affected: BA Chart 2538, 194.

9th March, 2010

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Payment Coordination Officer (EU Funds Management Unit)* fid-Diviżjoni tat-Teżor, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Payment Coordination Officer (EU Funds Management Unit)* fid-Diviżjoni tat-Teżor, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment.

2.1 Il-persuni magħżula jidħlu f'kuntratt ta' tliet (3) snin bħala *Payment Coordination Officer (EU Funds Management Unit)* fid-Diviżjoni tat-Teżor fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Payment Coordination Officer (EU Funds Management Unit)* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sostantiv/*indefinite status* tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sostantiv/*indefinite status* tagħha meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv / *indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impjieg tagħha mal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment kif ukoll mas-Servizz Pubbliku ta' Malta jintemm fil-każ li jiġi tterminat il-kuntratt.

2.3 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u, waqt il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 10, hija tkun meħtieġa li tħalli d-doveri ta' *Payment Coordination Officer (EU Funds Management Unit)* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sostantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 10 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

3.1 Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Payment Coordination Officer (EU Funds Management Unit)* huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 10, (€18,114 fis-sena fl-2010). Għall-fini tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93) f'każ li persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku grad sostantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv/*indefinite status* tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.2 Uħud mill-pożizzjonijiet jistgħu jkunu ko-finanzjati mill-Programmi ta' Koeżjoni 2007-2013.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Payment Coordination Officer (EU Funds Management Unit) in the Treasury Division, Ministry of Finance, the Economy and Investment

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, monenclatures denoting the male gender include also the femal gender.

The Public Service Commission invites applications for the positions of Payment Coordination Officer (EU Funds Management Unit) Treasury Division, Ministry of Finance, the Economy and Investment.

2.1 The selected candidates will enter into a three (3) year contract as Payment Coordination Officer (EU Funds Management Unit), in the Treasury Division within the Ministry of Finance, the Economy and Investment. Unsatisfactory performance as Payment Coordination Officer (EU Funds Management Unit) during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade/indefinite status during the assignment period and will return to his/her substantive grade/indefinite status on the termination of the assignment. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, his/her employment with the Ministry for Resources and Rural Affairs as well as with the Malta Public Service will be discontinued in case of termination of the assignment.

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a salary scale higher than Salary Scale 10, he/she will be required to relinquish the duties of Payment Coordination Officer (EU Funds Management Unit) and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 10 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

3.1 The salary attached to the position of Payment Coordination Officer (EU Funds Management Unit) is equivalent to the maximum of Salary Scale 10, (€18,114 per annum in 2010). For the purpose of the Pensions Ordinance (Cap. 93), in case the selected applicant is a public officer with a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by the virtue of his/her substantive grade/indefinite status and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2 Some of the positions may be co-financed by the 2007-2013 Cohesion Policy Programmes.

4. Persuna fil-pożizzjoni ta' *Payment Coordination Officer (EU Funds Management Unit)* tirrapporta direttament lid-Direttur, *Government Accounts* u lill-*Accountant General*. Id-dmirijiet jinkludu:

(a) L-Immaniġġar ta' Fondi Nazzjonali u tal-Komunità:

i. Li tassigura li Malta timxi skont il-ħtiġiet regolatorji tal-Unjoni Ewropea fejn jidħlu pagamenti mill-fond dwar l-immaniġġar ta' Fondi Nazzjonli u tal-Komunità u operazzjonijiet tal-*co-financing*;

ii. Li tiżviluppa qafas ta' operat tajjeb biex jintlaħaq ix-xogħol meħtieġ skont il-prijoritajiet fuq il-kwistjonijiet kollha li jaqgħu fl-ambitu tal-*Unit* u li terrevedi prattiċi ta' kontabbiltà sabiex tgħin lill-*Unit* tilħaq il-miri tagħha b'mod koerenti u effettiv;

iii. Li tagħmel kontrolli oħra anċillarji biex tippreveni u tiskopri xi żoni bi problemi fejn jistgħu jsiru żbalji jew fejn jista' jkun hemm sistemi ta' kontrolli finanzjarji dgħajfa fejn jidħlu proċessar ta' pagamenti individwali, e.ż. verifika tal-limitu ta' żmien sa meta jkunu jistgħu jiġu sottomessi pagamenti, u superviżjoni xierqa ta' proċeduri;

iv. Li tagħti parir lill-*Programme Implementation Directorates* u l-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi (NGOs) responsabbli biex iwettqu proġetti tal-Unjoni Ewropea u jipprovdu gwida xierqa lill-*Accounting Officers* fuq l-implimentazzjoni tal-aqwa prattiċi ta' xogħol rigward l-operat tal-*Unit*;

v. Li tipprovdi għajnuna lid-Direttur, *Government Accounts* u tressaq inizjattivi ġodda li jgħinu biex it-tmexxija finanzjarja u r-reġim ta' kontroll tal-operazzjonijiet finanzjati minn fondi Nazzjonali u tal-UE jkunu aktar effettivi;

(b) Aspett Tekniku;

i. Li tkun midħla tar-Regolamenti tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li jittrattaw il-*Policy* ta' Koeżjoni b'mod partikolari, u li żżomm ruħha aġġornata mal-iżvilupp tad-Direttivi tal-Unjoni Ewropea li jagħtu regoli dettaljati fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti;

ii. Li tagħmel proċeduri li jassiguraw li dokumenti ta' kontabbiltà li għandhom x'jaqsmu ma' Fondi speċifiċi tal-Komunità jkunu miżmuma skont il-ħtiġiet Nazzjonali u tal-Komunità u jkunu disponibbli f'kull ħin biex jiġu spezzjonati minn dawk li normalment ikollhom dritt li jagħmlu dawn l-ispezzjonijiet;

iii. Li tagħmel kontrolli amministrattivi f'forma ta' *checklists* li jassiguraw superviżjoni serja ta' proċeduri ta' proċessar u awtorizzazzjoni ta' ħlas;

(ċ) Aspett Tekniku tal-Metodologija tal-Kontabbiltà:

4. The Payment Coordination Officer (EU Funds Management Unit) will report to the Director, Government Accounts and the Accountant General. Duties will include:

(a) Management of National and Community Funds:

i. To ensure that Malta complies with the regulatory requirements of the European Union in relation to payments concerning the management of National and Community funds and co-financing operations;

ii. To develop a good operational framework for the achievement of the required tasks according to set priorities on all matters falling within the areas of the Unit and review accounting practices to enable the Unit to attain its objectives coherently and effectively;

iii. To perform ancillary controls to prevent and detect any possible problem areas where errors may occur or where financial control system weaknesses may arise in relation to the processing of individual payments e.g. verification of time-limits for their submission and appropriate supervision of the procedures;

iv. To give advice to Programme Implementatin Directorates and NGOs responsible for the implementation of EU projects and provide adequate guidance to Accounting Officers on the implementation of best practice in relation to the functions of the Unit;

v. To provide support to the Director – Government Accounts and put forward new initiatives that contribute to the effectiveness of the financial management and control regime for National and community co-financed operations;

(b) Technical Aspect

i. To be conversant with EU Council Regulations concerning Cohesion Policy in particular, and keep abreast with the developments of EU Directives laying down detailed rules for the implementation of such Regulations;

ii. To set procedures to ensure that accounting documents that are relevant to specific Community Funding are maintained in accordance with National and Community requirements and made available at all times for inspection by the persons that would normally have the right to inspect such documments;

iii. To implement administrative controls in the form of checklists in order to ensure the proper supervision of payments processing and authorisation procedures.

(c) Technical Aspect – Accounting Methodology

i. Li teżamina kull dokumentazzjoni bankarja u ta' ħlas li jikkonċernaw Fondi tal-Unjoni Ewropea;

ii. Li tissorvelja, billi tuża d-*Departmental Accounting System (DAS)*, kull *commitment* u/jew transazzjoni sabiex tara li pagamenti relatati mal-*Pre/Post Accession* isiru sew kif ukoll tirrapporta nuqqas ta' fondi fl-allokazzjonijiet speċifiċi tal-kontijiet pubbliċi lill-awtoritajiet rispettivi kkonċernati;

iii. Li żżomm *audit trail* suffiċjenti ta' transazzjonijiet ta' kontabbiltà li jippermetti rikonċiljazzjoni ta' ammonti sommarji lill-Unjoni Ewropea mis-*Certifying Authority* ma' reġistri ta' nfiq u dokumenti oħra.

(d) Aspett Tekniku – Rappurtaġġ:

i. Li tikkomunika, permezz ta' sistemi kompjuterizzati, informazzjoni aġġornata lill-organizzazzjonijiet nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea fuq operazzjonijiet finanzjarji magħmula mit-Teżor;

ii. Li tipprovdi rapporti u dokumenti oħra lil kull organizzazzjoni li tkun qed timplimenta kif ukoll lill-entitajiet u ditti kummerċjali mdaħħla fl-immaniġġar tal-proġetti.

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) Ikunu ċittadini ta' stat ieħor membru tal-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-EU dwar moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin); jew

(iv) ikunu l-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f' (a) (i), (ii), (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f' (a) (ii) u (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(ċ) (i) ikollhom, jew ġew approvati biex jingħataw, *first degree (Honours)* rikonoxxut fil-*Business Management, Accountancy, Public Policy*, *Banking and Finance,* jew kwalifika oħra rikonoxxuta, xierqa u kumparabbli;

i. To vet all payment and banking documentation concerning EU related payments;

ii. To monitor, through the Departmental Accounting System (DAS) all commitments and/or transactions in order to ensure the correct execution of payments related with Pre/Post Accession and also reort shortfalls in specific budgetary allocations to the respective competent authorities;

iii. To keep a sufficient audit trail of accounting transactions that permits reconciliation of summary amounts certified to the EU Commission by the Certifying Authority with individual expenditure records and supporting documents.

(d) Technical Aspect – Reporting

i. To communicate, through computerised systems, updated information to National and EU bodies on financial operations carried out by the Treasury;

ii. To provide reports and other supporting documentation to the all implementing organisations and other bodies or firms involved in the management of the project (beneficiaries/recipients).

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

(a) (i) be citizens of Malta; or

(ii) be citizens of another European Union Member State; or

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (a) (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (a) (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages.

(c) (i) be in possession, or have been approved for the award of, a recognised first degree (Honours) in Business Management, Accountancy, Public Policy, Banking and Finance, or another recognised, appropriate, comparable qualification;

JEW

(ii) ikunu Uffiċjali Pubbliċi li fid-data tal-għeluq tal-applikazzjoni jkunu mill-anqas fuq Skala ta' Salarju 12, u jkollhom mill-anqas tliet (3) snin esperjenza fuq pagamenti.

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola (GP47) *Service and Leave Record Form*; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tas-Servizz Pubbliku ta' Malta u jagħtu dettalji);

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), ukoll jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi fotokopji tagħhom iridu jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

7.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

7.3 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknologija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għar-Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-

OR

(ii) Public Officers who on the closing date of applications are at least on Salary Scale 12, with at least three (3) years experience on payments.

(d) be of a good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or a competent authority not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications and state whether they have been in the Malta Public Service, giving details.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.3 It is the responsibiility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or Foreign Universities/ tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta college of Arts, Science and Technology, institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage) to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Employment and the Family or the designated authority, as applicable, which statement should be attached

oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom, u f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

7.4 Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex Uffiċjali Pubblici jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma Uffiċjali Pubbliċi (skont kif applikabbli), liema kuntratti huma aċċessibbli mill-*website* tar-*Resourcing Department* fl-indirizz: http://www.mpo.gov.mt/downloads.html.

7.4 On engagement, selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/pubic officers, as applicable, accessible from the Resourcing Department website at address: http://www.mpo.gov.mt/downloads.html.

8.1 Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal dawn il-pożizzjonijiet.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the positions.

8.2 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultati jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.3 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment. Ir-riżultat jista' jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt

8.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Ministry of Finance, the Economy and Investment. Furthermore, the result will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Advt. No. KLM 2010/06. Maintenance and construction of pavement works.

Tenders will be opened in public at the closing date and time.

Tender forms and specifications can be obtained from the Council's offices against a fee of €100.00.

All tenders must be accompanied by a bid-bond.

The Council reserves the right to refuse any tender, even the most advantegeous.

9th March, 2010

KUNSILL LOKALI GUDJA

Il-Kunsill Lokali Gudja jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, it-30 ta' Marzu 2010, fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali Gudja jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. GLC/tender 01/2010. *Contract Manager* (Perit) għaż-żamma u l-manutenzjoni ta' toroq li jagħtu aċċess u xogħlijiet oħra skont il-ħtieġa tal-Kunsill Lokali Gudja.

Dan il-kuntratt huwa għal perijodu ta' sena u hu fid-diskrezzjoni tal-Kunsill li jġedded il-kuntratt għall-perijodu addizzjonali ta' sentejn bl-istess rati u kundizzjonijiet tal-offerta.

Għandu jitħallas dritt ta' €69.88 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. GLC/tender 02/2010. Tindif u tneħħija ta' materjal minn toroq mhux urbani.

Dan il-kuntratt huwa għal perijodu ta' sena u hi għad-diskrezzjoni tal-Kunsill li jġedded il-kuntratt għal perijodu addizzjonali ta' sentejn bl-istess rati u kundizzjonijiet tal-offerta.

Għandu jitħallas dritt ta' €69.88 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

GUDJA LOCAL COUNCIL

The Gudja Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Gudja Local Council's Administrative Offices by not later than noon of Tuesday, 30th March 2010, for:-

Advt. No. GLC/tender 01/2010. Contract Manager (Perit) for the upkeep and maintenance of access roads and other works as may be requested by the Gudja Local Council.

This contract is for a period of 1 year but the Council has the sole discretion to renew this contract for an additional 2 years on the same rates and conditions of tender.

A fee of €69.88 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. GLC/tender 02/2010. Cleaning and clearing of non urban roads.

This contract is for a period of 1 year but the Council has the sole discretion to renew this contract for an additional 2 years on the same rates and conditions of tender.

A fee of €69.88 is to be paid for each copy of tender document.

Dokumenti u tagħrif relattiv jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill fuq dritt ta' ħlas imsemmi hawn fuq.

L-offerti jintetħu fil-pubbliku wara l-ħin tal-għeluq u l-ebda dokumenti jew offerti ma jiġu aċċettati wara l-ħin stipulat. Offerti magħluqin immarkati bin-numru ta' riferenza relattiv, għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti apposta, li tinsab fl-Uffiċċji tal-Kunsill, qabel il-ħin tal-għeluq.

Il-Kunsill Lokali Gudja mhux marbut li jaċċetta l-orħos jew kull offerta li jirċievi.

Id-9 ta' Marzu, 2010

Documents and the relative information may be obtained from the Council's Administrative Offices against the fee indicated above.

Tenders will be opened in public after the closing time and no other documents or tenders will be accepted after the stipulated time. Sealed tenders marked with the relative reference number, should be deposited in the appropriate tender box, provided at the Council's Offices, before closing time.

The Gudja Local Council is not bound to accept the lowest or any tender received.

9th March, 2010

KUNSILL LOKALI MTARFA

Il-Kunsill Lokali tal-Imtarfa jgħarraf illi:

Sal-4.00 p.m. tal-Erbgħa, is-7 ta' April, 2009, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin għal servizzi fil-lokalità tal-Imtarfa, għal:

Avviż Nru. 01/2010. Ftuħ, għeluq, manutenzjoni u tindif ta' latrini pubbliċi.

Dokumenti jistgħu jinġabru mill-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali mhux aktar tard mill-Ġimgħa, it-12 ta' Marzu, 2010.

Għandu jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Id-9 ta' Marzu, 2010

MTARFA LOCAL COUNCIL

The Mtarfa Local Council notifies that:

Sealed tenders will be received at the Council's Administrative Offices up to 4.00 p.m. of Wednesday, 7th April, 2010, for the services, within the locality of Mtarfa for:

Advt. No. 01/2010. Opening, closing, maintenance and cleaning of public convenience.

Documents are to be collected from the Administrative Offices of the Local Council by not later than Friday, 12th March, 2010.

A fee of €60.00 is to be paid for every copy of tender document.

The Council reserves the right to reject any tender, even the most advantageous.

9th March, 2010

KUNSILL LOKALI NAXXAR

Il-Kunsill Lokali Naxxar jgħarraf illi:-

Sat-3.00 p.m. tat-Tlieta, it-30 ta' Marzu 2010, fil-kaxxa tal-offerti fil-Kunsill Lokali Naxxar, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. T/02/10. Xogħlijiet ta' *landscaping* fi Triq Sir Harry Luke.

Persuni interessati għandhom jiġbru d-dokument/i tal-offerta wara li jsir il-ħlas ta' €100.00 għal kull offerta.

NAXXAR LOCAL COUNCIL

The Naxxar Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Naxxar Local Council up to 3.00 p. m. of Tuesday, 30th March 2010 for:-

Advt. No. T/02/10. Landscaping works at Triq Sir Harry Luke.

Interested parties are invited to collect a copy of the document/s against a payment of €100.00 for each tender document.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Naxxar, 18, Ċentru Ċiviku, Vjal il-21 ta' Settembru, in-Naxxar, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar u mis-2.00 p.m. sal-4.00 p.m. (mit-Tnejn sal-Ġimgħa), u s-Sibt bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku minnufih wara d-data u l-ħin tal-għeluq.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu wkoll ikunu spezzjonati mingħajr ħlas waqt l-istess ħinijiet.

Il-Kunsill Lokali Naxxar iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta.

Id-9 ta' Marzu, 2010

KUNSILL LOKALI NAXXAR

Il-Kunsill Lokali Naxxar jgħarraf illi:-

Sat-3.00 p.m. tal-Ġimgħa, is-16 ta' April 2010, fil-kaxxa tal-offerti fil-Kunsill Lokali Naxxar, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. T/02/10. Xogħlijiet ta' *landscaping* fi Triq in-Naħal.

Persuni interessati għandhom jiġbru d-dokument/i tal-offerta wara li jsir il-ħlas ta' €100.00 għal kull offerta.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Naxxar, 18, Ċentru Ċiviku, Vjal il-21 ta' Settembru, in-Naxxar, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar u mis-2.00 p.m. sal-4.00 p.m. (mit-Tnejn sal-Ġimgħa), u s-Sibt bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku minnufih wara d-data u l-ħin tal-għeluq.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu wkoll ikunu spezzjonati mingħajr ħlas waqt l-istess ħinijiet.

Il-Kunsill Lokali Naxxar iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta.

Id-9 ta' Marzu, 2010

Relative tender documents may be collected from the Naxxar Local Council's Offices, 18, Civic Centre, Vjal il-21 ta' Settembru, Naxxar from 8.00 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m. (Monday to Friday), and Saturday from 8.00 a.m. to 11.30 a.m.

Tenders will be opened in public immediately after the closing date and time.

Tender documents may also be inpected during the same hours free of charge.

The Naxxar Local Council reseves the right to refuse any offer.

9th March, 2010

NAXXAR LOCAL COUNCIL

The Naxxar Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Naxxar Local Council up to 3.00 p.m. of Friday, 16th April 2010 for:-

Advt. No. T/03/10. Landscaping works at Triq in-Naħal.

Interested parties are invited to collect a copy of the document/s against a payment of €100.00 for each tender document.

Relative tender documents may be collected from the Naxxar Local Council's Offices, 18, Civic Centre, Vjal il-21 ta' Settembru, Naxxar from 8.00 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m. (Monday to Friday), and Saturday from 8.00 a.m. to 11.30 a.m.

Tenders will be opened in public immediately after the closing date and time.

Tender documents may also be inpected during the same hours free of charge.

The Naxxar Local Council reseves the right to refuse any offer.

9th March, 2010

KUNSILL LOKALI QRENDI

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi jgħarraf li:-

Sa nofsinhar ta' nhar is-Sibt, l-20 ta' Marzu 2010, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. QLC CMHW 49/10. Ġbir ta' skart domestiku mħallat.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Id-dokumenti jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi QRD 1103, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Id-9 ta' Marzu, 2010

QRENDI LOCAL COUNCIL

The Qrendi Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be recieved up to noon of Saturday, 20th March 2010, for:-

Advt. No. QLC CMHW 49/10. Collection of mixed household waste.

A fee of €50 is to be paid for each copy of tender document.

Tender documents may be collected from the Qrendi Local Council's Administrative Office, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103, from Monday to Friday, between 8.00 a.m. and noon.

The Council reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous one.

9th March, 2010

AVVIŻI TAL-QORTI - *COURT NOTICES*

446

B'digriet tad-29 ta' Diċembru 2009, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet tal-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lil: Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti, fid-29 ta' Diċembru 2009, fuq talba ta' Eric Magro, ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-assenti Silje Christin Holton, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 398/09 AF fl-ismijiet 'Eric Magro vs Kuraturi Deputati' u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Magro Eric (KI 554081(M)) vs Silje Christin Holton (KI 31796(A)) fil-21 ta' Diċembru 2009, ir-rikorrenti Eric Magro, talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1.Tiddikjara s-separazzjoni personali, bejn il-kontendenti minħabba ħtijiet attribwibbli lill-konvenuta, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

By means of a decree of the 29th December 2009, the Civil Court (Family Section), ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To: the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court, of the 29th December 2009, following a request by Eric Magro, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the interests of the absent Silje Christin Holton, in the records of the Sworn Application 398/09 AF, in the names 'Eric Magro vs Deputy Curators' and in the relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application filed in the Civil Court (Family Section) in the names Magro Eric (ID 554081(M)) vs Silje Christin Holton (ID 31796(A)) on the 21st December 2009, the applicant Eric Magro, asked this Honourable Court:

1. To declare the personal separation, between the parties due to faults attributable to the defendant, and uphold the other demands in the application.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuta, li hija minn issa inġunta in subizzjoni.

Lista ta' Xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Notifika: Rikorrent: Hacienda Court, Flat 3, Triq id-Dulliegħ, Żejtun.

Intimat: Lerdalsgata 8c, 2010, Strommen, Oslo, Norway.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Joseph Zammit Mckeon, LL.D., Duttur tal-Liġi.

Illum 29 ta' Diċembru, 2009.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Frar 2010.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs, against the defendant, from now summoned so that a reference to her evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Notify: Applicant: Hacienda Court, Flat 3, Water Melons Street, Zejtun.

Respondent: Lerdalsgata 8c, 2010, Strommen, Oslo, Norway.

Your are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Joseph Zammit Mckeon, LL.D., Doctor of Laws.

Today 29th December, 2009.

Registry of the Superior Courts, today 26th February 2010.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

447

B'digriet mogħti fil-11 ta' Frar 2010, fl-atti tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs E. P.S. Limited (C 14136) ittra numru 295/10, il-Qorti Ċivili Prim'Awla ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

Illum 1 ta' Frar 2010.

Lil: E.P.S. Limited (C 14136)

Permezz tal-preżenti, is-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. tinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' erba'

By means of a decree given on the 11th February 2010, in the records of the judicial letter in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs E. P. S. Limited (C 14136) letter number 295/10, the Civil Court First Hall, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) et of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court.

Today 1st February 2010.

To: E.P.S. Limited (C 14136)

By the present, the company Bank of Valletta p.l.c. calls upon you so that within two days you pay the sum of four

mija tlieta u disgħin elf u ħames mija u disgħa u ħamsin Ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€493,559.42) bilanċ għad-debitu fil-'Loan Accounts' u fl-'Overdraft Account' tiegħek mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri, mit-23 ta' Lulju 2009, sad-data tal-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skont il-liġi.

Soċjetà mittenti: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5, Misraħ San Ġorġ,
Valletta, VLT 1190.

Soċjetà intimata: E.P.S. Limited
Casa Drago,
Triq Dun Mikiel Xerri,
Ħ'Attard.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Marzu 2010.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

hundred ninety three thousand five hundred fifty nine Euro and forty two cents (€493,559.42) balance of debt in your 'Loan Accounts' and 'Overdraft Accounts' with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interest, from the 23rd July 2009, till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5, Misrah San Ġorġ,
Valletta, VLT 1190.

Respondent Company: E.P.S. Limited,
Casa Drago,
Triq Dun Mikiel Xerri,
Ħ'Attard.

Registry of the Superior Courts, today 4th March 2010.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

448

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-2 ta' Marzu, 2010, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dott. Miriam Hayman), Kumpilazzjoni Numru 1286/2009 fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Puliżija
(Spettur Angelo Gafà)

versus

ANTONIO BRIFFA, 31 sena, bin Mario u Emanuela neè Baldacchino, imwieled Pietà fis-27 ta' Awwissu, 1978 u residenti f'numru 93, Nido D'Amore, Triq Ġużè D'Amato, Paola u detentur tal-karta tal-identità numru 402078(M);

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lil Antonio Briffa jew li jkunu proprjetà tiegħu u pprojbiet lill-imsemmi akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum, 3 ta' Marzu, 2010.
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta).

JOSEPH SACCO
Reġistratur
Qrati u Tribunali Kriminali

It is being notified that by a decree dated 2nd March, 2010, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dott. Miriam Hayman LL.D.), Compilation Number 1286/2009 in the case in the names:

The Police
(Inspector Angelo Gafà)

versus

ANTONIO BRIFFA, 31 years, son of Mario and Emanuela neè Baldacchino, born in Pietà on the 27th August, 1978 and residing at 93, Nido D'Amore, Triq Ġużè D'Amato, Paola and holder of identity card number 402078(M);

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general all monies and other moveable property due or pertaining or belonging to Antonio Briffa and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property in terms of Section 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Section 23A(2) of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

Today, 3rd March, 2010.
Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta).

JOSEPH SACCO
Registrar
Criminal Courts and Criminal Tribunals

449

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-12 ta' Frar, 2010 fuq rikors ta' MICHAEL ATTARD LTD ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 22 ta' Marzu, 2010 fl-10.00 a.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-12 ta' Frar, 2010 li għandu jsir f'85, Mdina Road Qormi tal-oġġett hawn taħt deskritt maqbud mingħand RUTHERFORD STEVEN JOHN.

Vettura Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE 063.

L-imsemmi oġġett jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta numru 8/2010.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, l-4 ta' Marzu, 2010.

DOTT. NADYA FIOTT
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 12th February, 2010 on the application of MICHAEL ATTARD LTD, Monday, 22nd March, 2010 at 10.00 a.m., has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 12th February, 2010 to be held at 85, Mdina Road, Qormi of the following item seized from the property of RUTHERFORD STEVEN JOHN.

Vehicle Peugeot with registration number GBE 063.

The said object will be sold as described in the acts of the judicial sale by auction number 8/2010.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 4th March, 2010.

DR NADYA FIOTT
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

450

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrent Alexander Maggi (K.I. Nru. 236066M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 397/09 AF) fejn talab il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID tal-minuri Aiden Maggi li jġib in-numru 3428/2009 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 4 ta' Marzu 2010.

GRAZIELLA ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Alexander Maggi (ID No. 236066M) filed an application under oath (No. 397/09 AF) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH of the minor child Aiden Maggi number 3428/2009 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 4th of March 2010

GRAZIELLA ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

451

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tad-19 ta' Frar 2010, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-12 ta' Frar, 2010 fuq rikors ta' MICHAEL ATTARD LTD ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 22 ta' Marzu, 2010 fl-10.00 a.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-12 ta' Frar, 2010 li għandu jsir f'85, Mdina Road Qormi tal-oġġett hawn taħt deskritt maqbud mingħand RUTHERFORD STEVEN JOHN.

Vettura Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE 063.

L-imsemmi oġġett jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta numru 8/2010.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 4 ta' Marzu, 2010.

DOTT. NADYA FIOTT
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 19th February 2010 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 12th February, 2010 on the application of MICHAEL ATTARD LTD, Monday, 22nd March, 2010 at 10.00 a.m., has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 12th February, 2010 to be held at 85, Mdina Road, Qormi of the following item seized from the property of RUTHERFORD STEVEN JOHN.

Vehicle Peugeot with registration number GBE 063.

The said object will be sold as described in the acts of the judicial sale by auction number 8/2010.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 4th March, 2010.

DR NADYA FIOTT
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

452

Ikun jaf kulħadd illi b'diġriet tat-12 ta' Jannar, 2010 mogħti mill-Qorti tal-Prim' Awla Ċivili (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat mis-soċjetà Bank of Valletta plc fid-9 ta' Novembru, 2009, qed jintalab l-iżbank tal-ammont ta' €473.08 depożitati b'ċedola numru 499/2009 u €521.21 depożitati b'ċedola numru 500/09 fl-ismijiet:

Bank of Valletta plc vs Arcidiacono Imports Company Limited et.

Il-Qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors b'jumejn żmien għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Prim' Awla Ċivili (Malta), illum 4 ta' Marzu, 2010.

SAVIOUR AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 12th January, 2010 given by the First Hall of the Civil Courts (Malta), the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Bank of Valletta plc on the 9th November, 2009, is asking for the withdrawal of the amount of €473.08 deposited by Schedule of Deposit number 499/2009 and €521.21 deposited by Schedule of Deposit number 500/09 in the names of:

Bank of Valletta plc vs Arcidiacono Imports Company Limited et.

The Court ordered the notification of this application with two days notice for filing a reply.

Registry of the First Hall of the Civil Courts (Malta), today the 4th March, 2010.

SAVIOUR AQUILINA
For the Registrar of Courts and Civil Tribunals

453

Illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-25 ta' Mejju 2009 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

GO plc ġa Maltacom plc

vs

Joan Gerada (KI 221367(M))

Is-soċjetà kummerċjali Go plc ġa Maltacom plc (C22334) ippreżentat rikors fil-31 ta' Ottubru 2008 fejn talbet illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi (Avviż Numru 1677/99MM) li ġiet deċiża minn din il-Qorti fit-12 ta' Ġunju 2000 u, fl-istess kawża l-konvenuta ġiet ikkundannata tħallas is-somma ta' €1,112.78 bl-imgħaxijiet legali u bl-ispejjeż.

Illi s-soċjetà rikorrenti bidlet isimha għal GO plc u dan fl-istess waqt li hija żammet l-istess personalità ġuridika eżistenti.

Illi peress li l-konvenuta baqgħet inadempjenti fil-ħlas, is-soċjetà rikorrenti għandha interess li tipproċedi bil-ħruġ tal-mandati opportuni skont il-liġi.

Illi l-ammont dovut mill-konvenuta sal-lum jammonta għal €2,136.12, kompriżi €1,112.78 bħala sorte, €727.02 bħala mgħaxijiet legali kalkolati bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-12 ta' Ġunju 2000 sat-12 ta' Settembru 2008 oltre għal €296.32 spejjeż u drittijiet professjonali skont l-annessa taxxa mmarkata Dok A u dan salv kull imgħax u spejjeż legali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi peress li mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin, is-soċjetà rikorrenti filwaqt illi tagħmel riferenza għall-Artikolu 258 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha teżegwixxi 'l fuq ċitata sentenza permezz tal-mandati opportuni. F'dan ir-rigward, ai termini tal-istess Artikolu 258 tal-Kap. 12, Dott. Keith Grech debitament awtorizzat, permezz tal-anness affidavit immarkat bħala Dok B, solennement jiddikjara li l-ammont fuq indikat għadu dovut mill-intimata.

Rikorrenti: Spencer Hill, Marsa

Intimata: Joan Gerada, Sunrise Court, Flat 1, Triq tal-Ħriereb, Msida.

Fil-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta

By a decree of the Courts of Magistrates (Malta), of 25th May 2009, the publication of the following application which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

GO plc previously known as Maltacom plc

vs

Joan Gerada (ID 221367(M))

The commercial company Go plc previously known as Maltacom plc (C22334) presented an application on the 3lst October 2008 whereby it asked that the claim in the names above mentioned (Not No 1677/99MM) decided by the said Court on the 12th June 2000, the defendant was ordered to pay the sum of €1,112.78, including legal interest and costs.

The interpellant company changed its name to GO plc, and at the same time held the same existing juridical personality.

Thus because the defendant has not paid, the interpellant company has the interest in proceeding by obtaining the relative warrants according to law.

The amount due by the defendant till today amounts to €2,136.12, including €1,112.78 as the capital sum, €727.02 as legal interest calculated with the rate of eight per cent per annum (8%) from the 12th June 2000 till the 12th September 2008, besides €296.32 costs and professional fees according to the annexed tax marked Dok A and saving any further interest and legal expenses till the effective payment.

From the date of the judgement more than five (5) years have elapsed and the applicant company makes reference to Article 258 et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12) of the Laws of Malta and prays with respect to this Honorable Court to authorise the above mentioned judgement by means of the opportune warrants. In this regard, in terms of the same Article 258 of Cap. 12, Dr Keith Grech is authorized, by means of the annexed affidavit marked as Dok B, solemnly declares that the amount above mentioned is still due by the defendant.

Plaintiff: Spencer Hill, Marsa.

Defendant: Joan Gerada, Sunrise Court, Flat 1, Triq tal-Ħriereb, Msida.

In the Court of Magistrates Malta

Maġistrat: Dott. Michael Mallia

Il-Qorti,

Rat ir-rikors, Tordna n-notifika lill-kontroparti b'ħamest (5) ijiem żmien għar-risposta.

Illum 6 ta' Novembru 2008.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum l-4 ta' Marzu 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Magistrate: Dr Michael Mallia

The Court,

Saw the application, Orders that the debtor be notified and she has to file a reply within five (5) days.

Today 6th November 2008.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 4th March 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civili Courts and Tribunals

454

B'digriet mogħti fil-11 ta' Frar 2010, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet John Farrugia vs Wanapp Company Limited et, rikors numru 830/08 GCD, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni, biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata Wanapp Company Limited, a tenur tal-Artikolu 187(3) et tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet John u Agnes Farrugia bil-karti tal-identita' rispettivi 27561(M) u 74062(M) vs Wanapp Company Limited u Nutar Pierre Falzon, fl-14 ta' Awwissu 2008, ir-rikorrenti John u Agnes Farrugia talbu l-intimati jgħidu għaliex prevja kwalsiasi dikjarazzzjoni neċessarja din il-Qorti, m'għandhiex:

1. Tiddikjara li s-soċjetà intimata Wanapp Company Limited hija debitrici fil-konfront tal-esponenti fl-ammont ta' mija u disat elef, erba' mija u tmenin Ewro u ħamsa u ħamsin Ewro ċenteżmi (€109,480.55) u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet, kontra l-istess intimati jew min minnhom li qegħdin minn issa jiġu inġunti għas-subizzjoni.

Ma' dan ir-rikors ġew preżentati kontestwalment erba' Dokumenti Dok 'A' kuntratt datat 29 ta' Marzu 2004, Dok 'B' Kuntratt datat 30 ta' Marzu 2004, Dok 'C' Nota ta' Insinwa datata 20 ta' April 2004, Dok 'D' Nota ta' Insinwa datata 4 ta' Ġunju 2004.

B'Nota tal-31 ta'Ottubru 2008, fl-atti tal-kawża hawn fuq imsemmija l-atturi ssostitwew id-Dokumenti A, B, C, u D minnhom annessi mar-Rikors maħluf b'kopja awtentika tal-istess Dokumenti filwaqt li ddikjaraw li d-danni pretiżi fir-raba' talba huma limitati għall-imgħaxijiet fuq is-somma mitluba fl-ewwel u fit-tielet talbiet tagħhom.

By means of a decree given on the 11th February 2010, in the Records of the Sworn Application in the names John Farrugia vs Wanapp Company Limited et, application number 830/08 GCD, the First Hall Civil Court, ordered the following publication, for the purpose of service of the defendant company, in terms of Article 187(3) et. of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names John and Agnes Farrugia, having identity cards 27561(M) and 74062(M) vs Wapnapp Company Limited and Notary Pierre Falzon, on the 14th August 2008, the applicants John and Agnes Farrugia, asked the respondents to state why saving necessary declaration this Court should not;

1. Declare that the respondent company Wanapp Company Limited is a debtor in regard to the applicant in the amount of one hundred and nine thousand four hundred eight euro and fifty five Euro cents (€109,480.55) and uphold the other demands in the application.

With costs and interests against the respondents or either of whom from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Together with this application there were filed four Documents Doc 'A' a Contract dated 29th March 2004, Doc 'B' a Contract dated 30th March 2004, Doc 'C' A Note of Enrolment dated 20th April 2004, Doc 'D' a Note of Enrolment dated 4th June 2004.

By a Note of the 31st October 2008, in the records of the cause above mentioned the plaintiffs substituted the Documents A, B,C, and D attached by them to the Sworn Application with an authentic copy of the same documents whilst declaring that the damages demanded in the fourth demand are limited to the interests on the sum demanded in their first and third demands.

B'digriet tal-11 ta' Novembru 2008, il-Qorti ordnat illi l-atti kollha flimkien ma' kopja ta' dan id-digriet u tad-dokumenti kollha jkunu notifikati lill-konvenuti li għandhom iwieġbu fil-forma u fiz-żmien li trid il-liġi.

Il-konvenuti għandhom ukoll fl-istess żmien;

1. b'nota jgħidu min huma ...omissis... ix-xhieda li jridu jressqu,

2. jgħidu dwar kull wieħed mill-fatti esposti mill-atturi liema fatti jaqblu magħhom u liema fatti jikkontestaw; ...omissis...

3. jesebixxu d-dokumenti kollha relattivi għall-każ.

Kopja ta' dan id-digriet għandha wkoll tintbagħat minnufih lill-atturi u lill-Avukat tagħhom.

Notifika: Wanapp Company Ltd,
The Warehouse,
Triq Ħal Dwin,
Żebbuġ (Malta).

Reġistru tal-Qrati Superjuri llum 4 ta' Marzu 2010.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 11th November 2008, the Court ordered that all the records together with a copy of this decree and all the documents are notified to the defendants who are to reply in the form and time required by law.

The defendants are also within the same time;

1. by means of a note to state who are ...omissis... the witnesses they are to bring forward.

2. state as regards every one from the facts brought forward by the plaintiffs which facts they agree with and which they contest...omissis...

3. exhibit all the documents relative to the case.

A copy of this decree is to be sent immediately to the plaintiffs and their Lawyer.

Notify: Wanapp Company Ltd,
The Warehouse,
Triq Ħal Dwin,
Żebbuġ (Malta).

Registry of the Superior Courts, today 4th March 2010.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

455

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrenti Martes Pace (KI Nru. 47489M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 1/10 AF) fejn talbet il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID tal-minuri Amy Pace li jgib in-numru 2173/2005 fir-Reġistru Pubbliku

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 4 ta' Marzu 2010.

GRAZIELLA ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Martes Pace (ID No. 47489M) filed an application under oath (No. 1/10 AF) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH of the minor child Amy Pace number 2173/2005 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 4th of March 2010.

GRAZIELLA ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

456

IKUN JAF KULĦADD illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-19 ta' Frar, 2010 (Maġistrat Dott. Doreen Clarke, LL.D.) kumpilazzjoni numru 823/2009 fil-kawża fl-ismijiet:-

Il-Puliżija
(Spettur Ian J. Abdilla)

kontra

MARIA BORG, 28 sena, bint Carmel u Maria Theresa neé Bajada, imwielda San Ġiljan fil-25 ta' Settembru, 1980 u residenti 38, Flat 2, Bajada Buildings, Triq il-Makna tas-Serrar, Msida, detentriċi tal-Karta tal-Identità numru 121981(M);

ORDNAT l-interdizzjoni ġenerali perpetwa fil-konfront tal-imsemmija Maria Borg ai termini tal-Artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-pubblikazzjoni qed issir skont l-artikolu 10(7) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum, 5 ta' Marzu, 2010.
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

JOSEPH SACCO
Reġistratur,
Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

IT IS BEING NOTIFIED that by a judgement delivered on the 19th February, 2010 by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Doreen Clarke, LL.D) Compilation number 823/2009 in the case:-

The Police
(Inspector Ian J. Abdilla)

vs

MARIA BORG, 28 years, daughter of Carmel and Maria Theresa neé Bajada, born in St Julians on the 25th September, 1980 and residing at number 38, Flat 2, Bajada Buildings, Triq il-Makna tas-Serrar, Msida, holder of Identity Card number 121981(M);

ORDERED the perpetual general interdiction against the said Maria Borg according to Section 119 of Cap. 9 of the Laws of Malta.

This is being published according to section 10(7) of Cap. 9 of the Laws of Malta.

Today, 5th March, 2010.
Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

JOSEPH SACCO
Registrar,
Criminal Courts and Criminal Tribunals (Malta)

457

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b' digriet tat-2 ta' Frar, 2010, ordnat il-korrezzjoni tal-Att ta' Twelid ta' Maria Theresa Gauci li jġib in-numru 4915 tas-sena 1941 fis-sens illi fil-kolonna intestata "Isem il-Wild" l-isem "Mary" jiġi mibdul u jitniżżel bħala "Maria Theresa".

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni tal-Attijiet Nutarili
Illum, 4 ta' Frar 2010.

CHRISTINE MICALLEF
Ghar-Reġistratur,
Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 2nd day of February 2010, ordered the correction of the Act of Birth of Maria Theresa Gauci bearing number 4915 of the year 1941 in the sense that in the column entitled "Name of the Child" in the sense that the name "Mary" be changed and substituted by the name "Maria Theresa".

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts
This 4th day of February, 2010.

CHRISTINE MICALLEF
F/Registrar,
Court of Revision of Notarial acts

458

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Civili Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja fis-26 ta' Frar 2010, Rikors Numru 151/2010, minn Patri Alexander Borg, fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur tiegħu fil-intier kollu s-SUĊĊESSJONI ta' ħuh Bernard Borg, ġuvni, iben il-mejtin Paul Borg u Mary Ann nee Calleja, imwieled u kien residenti f'Tas-Sliema u miet tal-Qroqq limiti tal-Imsida fis-27 ta' Ġunju 2009 ta' 50 sena u kellu karta tal-identità numru 401359(M) u li miet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożiżżjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Registru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 8 ta' Marzu 2010

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 26th February 2010, Application number 151/2010 by Father Alexander Borg, whereby he prayed that it be declared open in his favour in its entirety the SUCCESSION of his brother Bernard Borg, bachelor, son of the late Paul Borg and Mary Ann nee Calleja born and residing in Sliema died in tal-Qroqq limits of Imsida, on the 27th June 2009, intestate, aged 50 holding identity card number 401359(M).

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 8th March 2010

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

459

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Civili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fit-2 ta' Frar 2010, Rikors Numru 84/2010, minn Giovanni Maria magħruf bħala Ivan Ciappara, fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur tiegħu fl-intier kollu tagħha, is-SUĊĊESSJONI ta' ommu Domenica Ciappara, armla minn Carmel Ciappara, bint il-mejtin Joseph Cefai u Lucy nee Formosa, imwielda u kienet toqgħod Vittoriosa u mietet tal-Qroqq limiti tal-Imsida fil-20 ta' Ottubru 2010 ta' 70 sena u kellha karta tal-identita numru 0848238(M) u li mietet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Registru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 8 ta' Marzu 2010

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 2nd February 2010, Application number 84/2010 by Giovanni Maria known as Ivan Ciappara whereby he prayed that it be declared open in his favour in its entirety the SUCCESSION of his mother Domenica Ciappara, widow of Carmel Ciappara, daughter of the late Joseph Cefai and Lucy nee Formosa, who was born and resided in Vittoriosa and died in tal-Qroqq limits of Imsida, on the 20th October 2010, intestate, aged 70 holding identity card number 0848238(M).

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 8th March 2010

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*